# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn 8 ta’ Ottubru 2001**

**Avviz. numru 593/01**

**Numru 35**

**Allcare Insurance Agency Limited ghan-nom ta’ Middle Sea Insurance plc**

**vs**

**S.A. Holdings Company Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici noe ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ sitt mija u sebgha u erbghin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm647.93,0) rappresentanti l-bilanc mill-prezz ta’ “Premiums” dovuti fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga fuq ordni u inkarigu tas-socjeta konvenuta kif jidher mill-istatement anness mal-avviz bhala dokument ‘A”.

Bl-imghax mit-3 ta’ April 2001 u bl-ispejjes kontra s-socjeta konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness “statement” a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici noe sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fis-26 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici noe s-somma ta' Lm647.93,0 mid-19 ta‘ Gunju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg